16 ta' Frar, 1945.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B. Litt., LL.D.

Lorenzo Buttigieg *versus* Henry Hirst ne.

**Bejgħ — Vizzju Redibitorju — Difformità ta' l-Oġġett mal-Kwalità Miftehma — Riżoluzzjoni tal-Kuntratt — Żball — Danni — Kolpa Akwiljana u Kolpa Kontrattwali — Kuruna — Kap ta' Dipartiment — Impiegati tal-Gvern — Professjonista — Art. 838, 1138, 1139, 1104 u 1145 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868.**

*Il-vizzju redibitorju huwa dak id-difett li jirrendi l-oġġett tal-bejgħ mhux tajjeb għall-użu tiegħu, jew li jnaqqas talment il-valur tiegħu illi, kieku x-xerrej kien jaf bih, ma kienx jixtri.*

*Jekk l-oġġett ma jkunx konformi għall-ftehim ma hemmx vizzju redibitorju, imma jkun il-każ ta' inadempienza tal-kuntratt, li ma għandha x'taqsam xejn mal-garanzija tal-vizzji redibitorji.*

*Il-kumpratur għandu dritt jitlob ir-riżoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oġġett ma jkunx konformi għall-ftehim, avvolja jkun irċieva l-oġġett tal-bejgħ, sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt bil-fatt tiegħu stess.*

*L-iżball skużabili minħabba nuqqas ta' ħtija jeżenta lill-renditur mir-responsabilità tad-danni meta dawn ikunu ġejjin minn kolpa kontrattwali, u mhux meta jkunu dannu minn kolpa akwiljana.*

*Meta l-kolpa tkun akwiljana, il-Gvern huwa eżenti mir-responsabilità tad-danni sakemm ma tiġix provata il-"culpa in eligendo" fl-għażla ta' l-impjegati tiegħu; imma meta l-kolpa tkun kontrattwali, il-kap tad-Dipartiment li għamel il-kuntratt u jkun inadempjenti fih, huwa responsabili anki għal fatti jew żbalji ta' l-impjegati tiegħu.*

*Il-ħtija, biex tagħti lok għad-danni, trid tkun provata, u trid tiġi provata minn min jallegaha; u ma hemmx lok għal dina r-responsabilità jekk, avvolja ttieħed żball, dan ittieħed wara li ġiet użata d-diliġenza tal-"bonus pater familias".*

*Il-professjonista li jieħu żball fil-ġudizzju tiegħu ma jirrispondix għad-danni jekk l-iżball ma jkunx grossolan, u jekk tkun ġiet minnu adoperata d-diliġenza ordinarja li trid il-liġi.*

Il-Qorti. — Rat it-talba ta' l-attur kontra l-konvenut nomine quddiem il-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, Prima Awla, fejn ippremetta illi fit-23 ta' Novembru 1942, sive fit-30 ta' Jannar 1943, il-konvenut nomine biegħlu baqra griża ta' Svizzera bastarda Maltija, tqila; illi dik il-baqra qatt ma kienet tqila u kellha nisel, u li b'dan il-mod huwa sofra danni; u għalhekk talab illi, wara li ssir id-dikjarazzjoni illi l-konvenut nomine huwa responsabili versu lejh tad-danni għall-fatt illi xtara baqra bid-dikjarazzjoni li kienet tqila mentri fil-fatt ma kienetx, il-konvenut ikun dikjarat responsabili tad-danni li huwa sofra, li għandhom ikunu likwidati jew f'din il-kawża jew f'kawża separata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fat-3 ta' Novembru 1944, fejn iddikjarat li ma hemmx lok għall-eċċezzjoni tal-perenzjoni ta' l-azzjoni fil-każ preżenti, u ċaħdet it-talba, u ordnat illi l-ispejjeż ikunu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-reġistru kontra l-attur; wara li kkunsidrat;

Illi fil-ftehim, sew verbali kemm bil-korrispondenza, il-baqra ġiet kwalifikata mill-konvenut bħala tqila; infatti fl-ittra.................; illi għalkemm kellha sservi għax-xogħol, iżda l-partijiet taw anki importanza għall-fatt li kienet tqila, għax hemm ftehim speċjali fuq in-nisel tagħha; illi fis-siwi

hemm differenza jekk il-baqra tkunx fi stat ta' tqala jew le, kif ukoll huwa differenti t-trattament u l-kura li jittieħdu għal baqra f'dak l-istat, peress li tkun trid viġilanza speċjali u ikel aħjar u ma tkunx imħaddma bafna;

Illi għalhekk hija mingħajr bażi l-eċċezzjoni illi dak l-istat ma kellux influwenza fix-xiri u fil-prezz;

Illi ġie anki pruvat li l-konvenut nomine, qabel ma għamel dik id-dikjarazzjoni lill-attur, kien assikura ruħu illi l-baqra kienet ġiet imgħammra sewwa............; illi fil-fatt irriżulta illi l-baqra ma welliditx, u l-ipotesi illi abortiet għandha tiġi skartata għal kollox.............. u għalhekk il-baqra ma kienetx f'dak l-istat meta sar il-bejgħ;

Illi għalhekk il-konvenut ma kkunsidrax lill-attur il-baqra kif wegħedha u kif qal li kienet, iżda huwa naqas bi żball skużabili, għax huwa ma kienx jaf li ma kienetx f'dak l-istat fil-waqt li huwa kien ħa l-prekwazjonijiet kollha biex jista' jifforma dik l-opinjoni billi aċċerta ruħu mis-subordinati tiegħu; u la darba ma kellux ħtija, lanqas ta' negligenza, l-azzjoni tad-danni ma hix sostenibili, għax l-element hija l-ħtija;

Illi jekk l-assenza tat-tqala għandha tiġi kunsidrata bħala vizzju redibitorju, kif irriteniet il-Kassazzjoni ta' Ruma, l-attur ma għandux lanqas l-azzjoni tad-danni, mhux biss għax għadda ż-żmien stabbilit fl-art. 1145 ta' l-Ordinanza VII ta' l-1868, iżda anki għax huwa ma kienx jaf b'dak il-vizzju, u għalhekk għandu jagħti lura biss il-prezz u l-ispejjeż, mentri l-attur ma hux qiegħed jitlob restituzzjoni tal-prezz, għax il-baqra żammha u ma riedx jagħtiha lura;

Illi huwa seta' jeżerċita l-azzjoni tar-rexissjoni minħabba errur fuq il-kwalità sostanzjali; illi dina l-azzjoni "ex empto" jew "ex stipulatu", derivanti mill-assenza ta' kwalità stipulata, ma hix ammissibili meta l-attur ma jkunx irid jagħti lura l-oġġett, skond argument li jista' jittieħed mill-art. 1140 ta' l-istess Liġi;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza, u għalhekk li t-talba tiegħu tiġi milqugħa, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut nomine;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-ewwel kwistjoni li għandha tiġi eżaminata hija jekk ġiex stabbilit jew le bejn il-partijiet illi l-baqra kienet tqila. Fuq dan il-pont il-Qorti taqbel ma' l-Ewwel Qorti illi skond il-korrispondenza bejn il-partijiet u skond l-iskrittura tal-bejgħ, fejn saru l-kondizzjonijiet tal-bejgħ, jidher biċ-ċar illi l-appellat nomine kien qiegħed ibiegħ lill-appellant baqra li kienet fi stat ta' tqala, u sar anki ftehim fuq in-nisel tagħha. Għalhekk l-appellant, meta għamel l-operazzjoni tax-xiri, kellu neċessarjament f'moħħu dak l-istat u l-vantaġġ li jista' jkollu minn baqra li tkun fi stat simili u li mbagħad ikollha n-nisel........... Għalhekk tajjeb ikkunsidrat l-Ewwel Qorti li dak l-istat kien daħal bħala waħda mill-kondizzjonijiet tal-bejgħ, illi ċjoè l-baqra għandha tkun tqila;

Tikkunsidra;

Illi għandha tiġi kunsidrata bħala korretta l-konklużjoni li fiha waslet l-Ewwel Qorti fuq il-kwistjoni l-oħra involuta, jekk il-baqra kellhiex xi abort. Fuq dana l-pont din il-Qorti tagħmel tagħha r-raġunament ta' l-Ewwel Qorti........... Għalhekk dik l-ipotesi għandha tiġi skartata;

Tikkunsidra;

Illi n-nuqqas ta' tqala l-Ewwel Qorti kkunsidratu bħala vizzju redibitorju; iżda dan, skond id-dottrina u l-ġurisprudenza, u iżjed u iżjed skond il-liġi tagħna fl-art. 1138 tal-Liġi fuq imsemmija, huwa dak il-vizzju li jirrendi l-oġġett tal-bejgħ mhux tajjeb għall-użu tiegħu, jew li talment inaqqas il-valur ta' l-oġġett illi, kieku l-kumpratur kien jaf bih, ma kienx jixtri. Għalhekk il-liġi qiegħda tipprevedi neċessarjament vizzju jew difett li l-ħaġa jkollha moħbija ġo fiha illi ġġib dawk il-konsegwenzi. Iżda tqala ta' annimal ma tistax tkun kunsidrata bħala vizzju; f'ċerti kondizzjonijiet speċjali u meħuda konsiderazzjoni tal-fini tax-xiri, bħal li kieku debba għat-tigrija, forsi jista' jingħad illi x-xerrej ikkunsidra vizzju t-tqala, għax tkun iddeprezzat il-valur ta' l-annimal...........

Fil-każ in ispeċje, għall-kuntrarju, mhux biss it-tqala ma ġietx mill-partijiet kunsidrata bħala difett, iżda kienet waħ-

da mill-kondizzjonijiet tal-bejgh, kif intqal aktar 'il fuq, illi l-baqra kellha tkun f'dak l-istat, u allura tezula kwalunkwe idea ta' difett. U mbaghad dak li tikkontempla l-Ligi taht il-kap tal-garanzija ghal vizzji moħbija u li jgibu l-azzjoni redibitorja, jew estimatorja skond il-kaz, huma dawk il-vizzji li ghandhom fin-natura taghhom billi ikunu "occulti", ghax l-art. 1139 espressament jghid illi l-venditur ma jkunx obligat ghal ebda garanzija fil-kaz illi l-vizzji jkunu apparenti b'mod illi x-xerrej seta' jarahom. F'dan il-kaz, ghall-kuntrarju, ma hux biss li dak l-istat kien maghruf mill-partijiet, imma huma ghamluh bhala wahda mill-kondizzjonijiet tal-bejgh stess. U allura necessarjament ghandha tezula kwalunkwe idea ta' vizzju okkult kif inhu prevedut f'dik is-sezzjoni specjali tal-Ligi;

Tikkunsidra;

Illi peress l-istat ta' tqala kien prevedut mill-partijiet u huma indikawh bhala kwalità li ghandha l-baqra li ffurmat l-oggett ta' l-operazzjoni, huwa applikabili l-art. 1104 ta' l-istess Ligi, peress li dak jikkostitwixxi nuqqas tal-kwalità miftehma. Dak kien obligu tal-venditur li gej mit-tradizzjoni, peress li dan huwa obligat jikkunsinna l-oggett fl-istat u bil-kwalità u bil-kondizzjonijiet l-ohra rigwardanti l-istat, kif kien il-ftehim ta' l-operazzjoni, u jekk ma jikkonsenjax f'dak l-istat ikun inadempjent ghal dak l-obligu tat-tradizzjoni, li ma ghandux x'jaqsam mal-garanzija tal-vizzji redibitorji. Ghalhekk l-azzjoni li tohrog mill-art. 1104 fuq imsemmi, u eventwalment kwalunkwe azzjoni tad-danni, li tohrog mill-inadempjenza tal-kuntratt, jekk ikun il-kaz, ma tistax ikollha r-restrizzjoni stabbilita fl-art. 1145 tal-Ligi fuq imsemmija, li jittratta fuq l-azzjoni redibitorja u fuq l-azzjoni estimatorja li johorgu t-tnejn mill-garanzija tal-vizzji okkulti.

U kif irriteniet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tieghu r-Re in re "Scicluna vs. Fenech" fl-10 ta' Lulju 1888 (Kollez. Vol. XII, pag. 1), il-kumpratur ghandu dejjem azzjoni li tohrog mill-artikolu 1104 tal-Ligi fuq imsemmija, ghalkemm ikun ircieva l-oggett, sakemm dak id-dritt ma giex mitluf minhabba l-fatt stess tal-kumpratur, bhal meta l-oggett ikun biddlu mill-istat li kien, jew ikun bi kwalunkwe

mod iddisponu mnnu, b'mod illi ma jkunx iżjed possibili li ssir il-valutazzjoni għad-diminuzzjoni tal-prezz. Iżda meta l-oġġett ikun għadu fl-istat li kien, "res adhuc integra", allura din l-azzjoni tkun possibili u ammissibili non ostante li tkun hemm ir-riċezzjoni (ara sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-31 ta' Marzu 1908, in re "Laferla vs. Dr. M.A. Refalo", u ta' din il-Qorti fl-istess kawża fis-26 ta' Ġunju 1908, u sentenza ta' din il-Qorti in re "Mizzi vs. Dr. Refalo" tas-26 ta' Mejju 1911);

F'dan il-każ, għalkemm il-baqra baqgħet għand ix-xerrej, iżda l-azzjoni hija ammissibili, għax "res adhuc integra", salvi ċerti dettalji fuq l-istat tagħha li jistgħu jkunu pruvati permezz ta' xhieda;

Tikkunsidra;

Illi t-teorija ta' l-errur skusabili minħabba n-nuqqas ta' ħtija, għax il-konvenut nomine aċċetta dak li kienu qalulu l-esperti tad-Dipartiment, ma għandhiex rilevanza f'dan il-każ, għax id-danni li qiegħed jitlob l-attur f'dina l-kawża ma joħorġux mill-"culpa aquiliana", iżda mill-inadempiment tal-kuntratt. Din id-differenza hija fid-dritt sostanzjali, għax mentri fl-ewwel każ, "ex delicto vel quasi", il-Kap tad-Dipartiment, ossija l-Gvern jew il-prinċipal, ikun eżonerat mill-azzjoni tad-danni meta ma tkunx pruvata kontra tiegħu "culpa in eligendo", fil-għażla ta' l-impjegati tiegħu, u l-ħtija kollha tkun tad-dipendenti; għall-kuntrarju, meta jkun hemm inadempiment ta' kuntratt, anki għall-ħtija ta' l-impjegat jew tad-dipendent, il-prinċipal jibqa' responsabili għall-vjolazzjoni tal-kuntratt u għall-konsegwenza ta' dik il-vjolazzjoni. Fuq dan l-argument hekk igħid Cogliolo (Scritti di Diritto Privato, Vol. I, p 224) :— "Adunque lo Stato è responsabile dei depositi giudiziari, e questa è responsabilità contrattuale che non può essere messa in dubbio; coloro che negano la responsabilità indiretta dello Stato per i fatti 'ex delicto', devono tuttavia ammettere quella, perchè non deriva 'ex delicto', ma 'ex contractu'; coloro che fra Stato e impiegati vedono sempre il rapporto di committente e commesso e perciò ammettono (e con ragione) la responsabilità in genere, devono dis-

tinguere ad ogni modo la colpa contrattuale dalla aquiliana per eventuali conseguenze" ;

**Għalhekk** il-konvenut nomine. Kap tad-Dipartiment li għamel il-kuntratt in kwistjoni ma' l-attur, u li bih kellu jikkonsenja baqra kwalifikata li kienet fi stat ta' tqala, għandu jirrispondi għall-fatt jew għal kwalunkwe żball ta' l-impjegati tiegħu ;

**Tikkunsidra** ;

Illi ġie stabbilit iżjed 'il fuq illi kien dover ta' l-appellat nomine li jikkonsenja l-baqra f'dak l-istat ta' tqala li ġie dikjarat mill-partijiet fl-iskrittura tal-bejgħ, u ladarba rriżulta l-lum bħala ħaġa pożitiva illi dik il-baqra ma kienetx tqila, u peress li dak l-istat kellu evidenti influwenza fuq il-prezz, l-attur għandu dritt li jitlob id-diminuzzjoni tal-prezz skond l-art. 1104 fuq imsemmi ;

Fuq danni oħra. dawn joħorġu mill-inadempiment tal-kuntratt, għax ladarba l-kuntratt ma ġiex adempit skond il-ftehim, jekk l-appellant jipprova illi l-konvenut nomine jew l-impjegati tiegħu kellhom ħtija meta stabbilew dik il-kondizzjoni fl-istat tal-baqra. li rriżulta mhux skond il-verità, allura l-konvenut nomine għandu jirrispondi anki għad-danni. Nejn ma jgħodd illi l-art. 1104 fuq imsemmi fit-tieni ipotesi jsemmi r-restituzzjoni tal-prezz, iżda mhux id-danni. kif jagħmel fl-ewwel ipotesi, għax huwa intuwitiv illi meta l-kumpratur waqt il-konsenja jirrifjuta l-oġġett, jista' jkollu danni talli l-kuntratt ma kellux eżekuzzjoni ; iżda meta jżomm l-oġġett b'nuqqas ta' prezz, peress illi dan jiġri waqt ir-riċezzjoni kif inhu almenu prevedut f'dak l-artikolu, il-liġi tikkontempla biss innuqqas tal-prezz. Jekk però fil-fatt, speċjalment bħal każ preżenti. dan jiġri żmien wara r-riċezzjoni, ix-xerrej jista' eventwalment ikollu danni oħra li joħorġu min-nuqqas ta' l-adempiment tal-kuntratt ; f'dan il-każ il-kumpratur, ċjoè l-appellant, qagħad fuq l-assikurazzjoni li fah il-konvenut nomine, u għalhekk ma setax ma jirċevix il-baqra ; iżda jekk dik l-assikurazzjoni li l-appellat għamel lill-appellant fuq l-istat tal-baqra rriżultat falza, u dan l-istat ta' affarijiet ġieb danni lill-appellant. dan għandu dritt jirreklama skond it-teorija ġenerali ta'

l-obligazzjonijiet;

Tikkunsidra;

Illi però, il-prova ta' l-inadempiment da parti ta' l-appellat nomine jew tad-dipendenti tieghu qieghda kollha fuq l-appellant, ghax mhijiex accettabili t-teorija professata minn xi awturi illi fil-htija kontrattwali d-debitur biss ghandu jipprova li ma kienx "in culpa"; izda skond il-ligi taghna, sew jekk il-"culpa" hija kontrattwali sew jekk hija akwiljana, min qieghed jaghmel l-azzjoni tad-danni ghandu jipprova li kien hemm htija. Jghid l-awtur fuq citat, fil-Vol. II, pag. 141:— "Non vi sono dunque differenze tra la colpa contrattuale e la aquiliana in rapporto alla prova della colpa; la prova dei fatti generatori di diritto tocca sempre a chi li afferma, e tale prova può talvolta nei contratti derivare dalla sola presentazione del contratto, ma tal altra, anche nei contratti, suppone la prova di altri fatti perchè il debitore sia condannato";

L-unika differenza qieghda fil-"facilità" tal-prova, ghax f'materja ta' danni "ex contractu" xi minn daqqiet ikun bizzejjed li jigi ezibit il-kuntratt bejn il-partijiet, jew pruvata l-ezistenza ta' l-obligazzjoni bil-fattispecje taghha, mentri f'materja ta' danni "ex delicto vel quasi" il-prova tkun izjed diffiċili ghax ikun hemm bzonn ta' xhieda u ta' mezzi ta' prova biex ikun stabbilit il-fatt doluz jew kolpuz. Izda anki fid-danni kontrattwali jista' jaghti l-kaz illi l-ezibizzjoni tal-kuntratt, ma tkunx bizzejjed, ghax ikun hemm bzonn ta' provi ohra biex tkun stabbilita r-responsabilità, bhal kaz ta' depozitu; biex wiehed jiehu lura l-oggett depozitat hija bizzejjed l-ezibizzjoni tal-kuntratt, imma jekk il-kreditur irid imur izjed 'il quddiem u jipprova illi l-oggett kien mizmum hazin mid-depozitarju, ghandu bil-fors jaghmel din il-prova, jew alinenu juri d-danni li sofra l-oggett depozitat;

F'dan il-kaz l-appellant ghamel il-prova cara illi l-baqra kellha tkun tqila, u ghamel il-prova wkoll illi mhux biss ma kellhiex nisel, izda tqila ma kienet qatt, ghax ma giex pruvat li hija abortiet;

Tikkunsidra;

Illi l-appellat nomine jew l-impjegati tieghu, li ghaliboni

ghandu jirrispondi, huma obligati li jużaw skond l-art. 838 tal-Liġi fuq imsemmija d-diliġenza tal-"bonus pater familias", u ghalhekk l-appellant jghid illi dik id-diliġenza li trid il-liġi ma ġietx użata meta ttieħed żball bħal dan. Mill-banda l-ohra l-appellat nomine jiddefendi ruħu bl-istess artikolu tal-liġi, ghax jghid illi huwa, bħala kap tad-Dipartiment li ghamel il-kuntratt ma' l-appellant, uża diliġenza ordinarja meta ħa l-parir tat-tekniċi tad-Dipartiment; u jissottometti wkoll illi dawn, ghalkemm setghu ħadu żball, użaw però dejjem id-diliġenza li trid il-liġi. Infatti rriżulta mill-provi..........;

Tikkunsidra;

Illi minn dawn il-fatti jidher illi l-impjegati tal-konvenut nomine ħadu dawk il-prekawzjonijiet li kien jidhrilhom meħtieġa qabel ma ghamlu d-dikjarazzjoni fuq l-istat tal-baqra; u ghalhekk tiġi l-kwistjoni hemmx fihom dak in-nuqqas ta' diliġenza ordinarja li trid il-liġi. Skond ix-xhieda............ L-awtur fuq ċitat, Vol. II fil-monografija "Teoria delle Colpe", p. 137, jghid :— "Nelle professioni c'è tutto un campo insindacabile ed impunibile, ed è quello che il diritto inglese chiama "errore di giudizio"; il professionista, cioè, di fronte ad un caso pratico valuta le varie circostanze e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno risponde, se non è fondato su evidenti errori di ricerca o di dottrina." Veru huwa illi "imperitia culpae adnumeratur" (L. 132. Dig. L. 17), applikat anki minn Celso f'każ ta' ħajjat (L. 9, par. 5, Dig. XIX. 2) u minn Gaio fil-każ ta' gwidatur ta' barrin (L. 8, par. 1, Dig. IX. 2); iżda jrid ikun provat soddisfaċentement illi l-professjonista mhux biss ħa żball, ammenokkè dan ma jkunx grossolan, iżda illi biex jasal ghall-konklużjoni tieghu ma użax id-diliġenza li trid il-liġi;

Tikkunsidra;

Illi meta jkunu apprezzati l-fatti kollha tal-każ, ma jidherx li ma ġietx użata d-diliġenza ordinarja tal-"bonus pater familias" f'materja bħal din ta' responsabilità ghad-danni;

Ghal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur fis-sens hawn indikat;

1. Tirrespingi l-eċċezzjoni tal-konvenut appellat tal-perenzjoni ta' l-azzjoni, bl-ispejjeż relativi kontra l-istess konvenut nomine;

2. Tiddikjara illi l-konvenut appellat nomine huwa responsabili għad-danni mitluba, limitatament għal kwalunkwe diminuzzjoni tal-prezz skond l-art. 1104 ta' l-Ord. VII ta' l-1868, "si et quatenus", u tirrespingi dik it-talba għal danni oħra, l-ispejjeż relativi għal dan il-kap jitħallsu ¾ mill-konvenut appellat in riferenza għaż-żewġ istanzi, u ¼ mill-attur appellant;

U f'dan is-sens tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prima Awla tal-Qorti Civili tal-Maestà Tiegħu r-Re fuq imsemmija;

Il-likwidazzjoni għal kwalunkwe eventwali diminuzzjoni tal-prezz għandha ssir f'kawża separata.